MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 1248/2009

**Fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 1031/09 MB fl-ismijiet:**

**Car Care Products Limited (C 9898)**
**Vs**
**John sive Johnnie Bugeja (ID. 16067(M)), u William sive Willie Bugeja (ID. 595863(M))**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ John Bugeja u William Bugeja fejn gie premess;

Illi s-socjeta’ Car Care Products Limited intavolat fil-konfront ta’ l-esponenti mandat ta’ qbid fl-ismijiet premessi fuq l-ammont ta’ €17,017.59 u €496.27 spejjez (Dok A).

Illi fl-istess mandat gie indikat elenku ta’ vetturi u ingenji li l-esponenti joperaw bihom essendo illi huma jahdmu fix-

xoghol ta’ tahmil u kostruzzjoni. Fil-fatt fl-atti ta’ l-istess mandat gew maqbuda zewg gafef li joperaw bihom kif jirrizulta mir-referta tal-marixxall. Minhabba f’ dan l-esponenti ma jsitghux joperaw in-negozju taghhom.

Illi b’ digriet ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ Novembru 2009, giet ordnata l-elevazzjoni ta’ l-istess ingenji li tqieghdu fil-pussess ta’ konsinnatarju, u ordnat illi tigi miftiehma data biex issir is-subasta fuqhom.

Illi fil-frattemp l-esponenti kienu intavolaw proceduri permezz ta’ rikors guramentat sabiex jattakkaw it-titolu ezekuttiv fuq liema huwa bbazat il-mandat odjern. Kopja tar-rikors guramentat qieghed jigi esebit bhala Dok B. Il-kawza hija fl-ismijiet inversi u hija differita ghat-22 ta’ Frar 2009 (Rik. Nru. 813/09GC). F’ dawn il-proceduri l-esponenti qed jippremettu illi t-titolu ezekuttiv in kwistjoni kien gie ottjenut b’ qerq.

Illi apparti minn hekk il-gafef maqbuda jiswew ferm iktar mill-€31,208.60 pretizi fuq il-mandat odjern. In effetti wahda mill-gafef ossia dik tal-marka Clark model 125B tiswa’ €65,000 u l-ohra tal-marka Fiat R2204 tiswa €81,500.

Illi ghalhekk jekk tilhaq issir is-subasta fuq dawn l-ingenji u mbaghad jirrizulta sussegwentement illi l-pretenzjonijiet ta’ l-esponenti fuq il-kawza hawn fuq imsemmija huwa fondati, l-esponenti xorta wahda jkunu sofrew pregudizzju.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu li tigi:

i) ordnata s-sospensjoni tal-prosegwiment ta’ dan il-mandat sakemm ikun hemm ezitu finali fil-kawza fl-ismijiet inversi (Rik. Nru. 813/09GC), u

u

ii) jigi ordnat illi fil-frattemp iz-zewg gafef in kwistjioni jigu rilaxxati favur l-esponenti biex ikunu jistghu jahdmu bihom filwaqt illi jibqghu maqbudin permezz tal-mandat

odjern fis-sens illi l-esponenti ma jkunux jistghu jiddisponu minnhom,

u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-kumpannija intimata Car Care Products Limited fejn gie sottomess;

1. Illi, mingħajr preġudizzju għall-argumenti l-oħra f' din ir-risposta, it-talbiet kontenuti fir-rikors in kwistjoni ma jistgħux jintlaqaw u dan skond il-kliem espress tal-liġi. L-artikolu 166A (6) tal-Kap 12 jiddisponi li:

*"(6) Ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5), ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv li jinkiseb taħt dak is-subartikolu jew il-ħlas tar-rikavat ta' xi mandat jew bejgħ b'irka*nt"

It-titolu eżekuttiv li fuqu ħareġ il-mandat in kwistjoni inkiseb taħt l-artikolu 166A (6) tal-Kap 12. Huwa evidenti mill-att nnifsu li r-rikors odjern ma huwiex rikors kif kontemplat fl-artikolu 166A(5) u jirriżulta mingħajr ebda dubju, anke mill-atti stess tar-rikors numru 813/09GC, li Bugeja m'għamlu l-ebda talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fi żmien għoxrin ġurnata kif kontemplat fis-subartikolu (5) tal-artikolu 166A li hija l-unika forma ta' oppożizzjoni li tippermetti l-liġi.

2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-argumenti l-oħra f' din ir-risposta, l-ewwel talba kif impustata ma tistgħax tintlaqa' stante li ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12, it-talba tar-rikorrenti setgħet biss tkun waħda għat-tħassir tal-att eżekuttiv, u ċioe' tal-mandat in kwistjoni, u mhux għas-sospensjoni tal-prosegwiment tal-mandat, u dan biss għal raġuni valida skond il-liġi;

3. Illi, mingħajr preġudizzju għall-argumenti l-oħra f' din ir-risposta, anki t-tieni talba ma tistax tintlaqa' peress illi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif emendat reċentement ma jippermettix li oġġetti maqbuda jibqgħu

fil-pussess tad-debitur, iżda il-mandat għandu jkun fih, immedjatament, l-ordni tal-Qorti għall-elevazzjoni tal-oġġetti maqbuda u għat-trasport tagħhom għall-post tal-ħażna li jiġi ndikat mill-kunsinnatarju u  l-pussess tal-oġġetti għandu jiġi trasferit minnufiħ mid-debitur għall-kunsinnatarju (ara l-artikolu 282 tal-Kap 12). Dan fil-fatt huwa rifless fl-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta mogħtija permezz tad-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2009 anness mar-rikors promotur u mhux immarkat.

4. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, ma hemm l-ebda prova li l- gafef maqbuda, fil-ġurnata ta' llum u fl-istat li qegħdin illum, għandhom il-valur kif allegat fir-rikors. Tant hu hekk li l-gaffa tal-marka Clark model 125B, li skond ir-rikorrenti tiswa €65,000, fil-fatt inbiegħet lilhom "second hand" mill-kumpannija esponenti stess f'Diċembru tas-sena 1993 għall-prezz ta' Lm6,879.15, ekwivalenti għal €16,024.11. Però anke jekk dan hu l-każ (ħaġa li ma hijiex ammessa) din hija konsiderazzjoni irrilevanti fil-kuntest tar-rikors odjern peress li l-liġi tipprovdi rimedji favur id-debitur kemm f'każ li l-bejgħ iġib prezz aktar mill-ammont dovut (artikolu 342 tal-Kap 12) kif ukoll f'każ li l-bejgħ ta' waħda mill-inġenji jġib somma biżżejjed għall-ħlas tal-kreditu u l-ispejjeż, (artikolu 343 tal-Kap 12).

5. Illi mingħajr preġudizzju għal-premess, ir-rikors odjern bħal kawża preżentata quddiem dina l-Onorabbli Qorti (rikors numru 813/09GC) li permezz tagħha ir-rikorrenti qiegħdin jattakkaw it-titolu eżekuttiv li fuqu huwa bbażat il-mandat in kwistjoni, huma frivoli u vessatorji u saru sempliċement bl-iskop li jkomplu jtawwlu ż-żmien biex iħallsu dejn li ilhu dovut għal aktar minn sittax-il sena. Dan huwa evidenti anke mill-fatt li, għalkemm fir-rikors numru 813/09GC Bugeja jammettu li għandhom iħallsu parti mis-somma, lanqas ma ndenjaw ruħhom li jħallsu dik il-parti li ma humiex jikkontestaw.

Rat l-Artikolu 166A (6) tal-Kap 12 u l-Artikolu 281 ta' l-istess Kap 12, liema artikoli huma msemmijin fl-imsemmija risposta;

Rat li l-imsemmi artikolu 166A (6) jipprovdi testwalment: - "(6) Ebda oppozizzjoni, hlief dik li hemm specifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5), ma ghandha twaqqaf il-hrug jew l-ezekuzzjoni ta' xi att ezekuttiv li jinkiseb taht dak is-subartikolu jew il-hlas tar-rikavat ta' xi mandat jew bejgh b'irkant li jsir konformement ma' dan.

Rat li l-imsemmi artikolu 281 jipprovdi testwalment – "281. (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att exekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.
(2) Ir-rikors ghandu jihi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha ssottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tipprezenta:
Izda l-qorti tista', f'kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppozizzjoni, il-qorti ghandha tilqa' t-talba.
(3) Il-qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smigh tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata.
(4) Appell minn digriet moghti taht is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuh. Il-Qorti ta' l-Appell ghandha tappunta dan l-appell ghas-smigh fi zmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuh u dan ghandu jigi deciz fi zmien tliet xhur mid-data ta' l-appuntament ghas-smigh.
(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinhtiegx fil-kazijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan."

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Jirrizulta li t-titolu ezekuttiv in kwistjoni li hu l-mertu ta' dawn il-proceduri hu bbazat fuq il-provvedimenti ta' l-

artikolu 166A tal-Kap 12 u ghalhekk jista’ biss jigi rexiss jew annullat skond dak li hemm provvdut fl-artikolu 166A (5) ta’ l-istess Kap;

Hu car li din l-azzjoni mhux dik kontemplata fl-imsemmi artikolu 166A (5).

Konsegwentement ghandhom jigu applikati l-provvedimenti ta’ l-artikolu 166A (6) u kwindi hu car li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu jigu qatt akkolti.

In oltre t-talbiet kontenuti f’ dan ir-rikors m’ humiex ai termini ta’ dak li hu pprovdut fl-artikolu 281 tal-Kap 12 u dana stante li t-talbiet tar-rikorrenti m’humiex sabiex jithassar l-att ezekuttiv jew in toto, jew in parte izda huma fis-sens li tigi sospiza l-esekuzzjoni tal-mandat.

In oltre ma jirrizulta sufficjentement li l-gaffef in kwistjoni wahedhom huma bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-kredituri.  Barra minn hekk d-depozitu li ghamlu r-rikorrenti ma jkoprix il-pretensjonijiet kollha ta’ l-istess kredituri.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu akkolti.

Ghaldaqstant tipprovdi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------